# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 16**

**Avviz numru 149/02**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Grech sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Saviour Grech**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm760.17 (seba mija u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-1 ta' Marzu 2001 fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa bejn xarabank numru ta' registrazzjoni FBY 658 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' ta' George Buhagiar u vettura

numru ta' registrazzjoni JAA 714 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurat Saviour Grech, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi (Lm6 tal-konsult) u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz tat-talba kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni

Ra li l-konvenut baqa kontumaci.

Sema lil John Lentini u Saviour Grech li d-danni konsegwiti kif gew minfuqa;

Sema li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur noe et s-somma ta' Lm760.17 (seba mija u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu) danni konsegwiti fl-incident tat-traffiku. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**